V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9604 — NENT/Telenor/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 108/04)

1. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nordic Entertainment Group AB ("NENT", l-Iżvezja),

— Telenor ASA ("Telenor", in-Norveġja),

— il-Joint Venture ("JV", l-Iżvezja).

NENT u Telenor jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NENT: (i) il-provvista ta' servizzi ta' distribuzzjoni tat-televiżjoni u kanali televiżivi fin-Norveġja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja, u l-ħolqien, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' varjetà televiżiva, reklami, feature films u kontenut kummerċjali, u (ii) barra r-reġjun Nordiku, it-tħaddim ta' kumpaniji tal-produzzjoni f'pajjiżi oħra Ewropej, u l-bejgħ ta' kontenut lil klijenti madwar id-dinja,

— Telenor: il-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet ċellulari u fissi u servizzi ta' distribuzzjoni tat-televiżjoni fin-Norveġja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja, u l-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet ċellulari fl-Asja,

— il-JV: il-provvista ta' servizzi ta' distribuzzjoni tat-televiżjoni fin-Norveġja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9604 — NENT/Telenor/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË